MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2007

Numru. 1064/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND BORG**

**KONTRA**

**EVAN SCIBERRAS**
**CARMELO SCIBERRAS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Evan Sciberras ta’ 31 sena, bin Carmelo u Carmela nee’ Mallia, imwieled Tal-Pieta’ nhar it-3 ta’ Marzu, 1975, residenti fil-fond numru 80, Flat 5, Triq l-Ifran, il-Belt Valletta, jew St Peter, Triq il-Gdida, Rahal Gdid, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 218175M;
U Carmelo Sciberras ta’ 51 sena, bin il-mejtin John u Maddalena nee’ Fiteni, imwieled Tal-Pieta’ nhar l-14 ta’ Gunju, 1955, residenti fil-fond St Peter, Triq il-Gdida,

Rahal Gdid, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0841655M

Li gew mressaqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet:

1. Talli fil-waqt li kienu fi Triq Guze' D'Amato, gewwa Rahal Gdid, nhar l-24 ta' Lulju 2006, ghall-habta tal-5.30 ta' wara nofsinhar, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' Clint Tanti minn Rahal Gdid f'periklu car, ikkagunaw ferita ta' natura gravi, permezz ta' lieva u fliexken tal-hgieg, kif iccertifikat minn Dr L Von Brockdorff MD (Warrant Mediku nru 9882), tat-Taqsima tal-Casualty tal-Isptar San Luqa, liema ferita ggiblu mankament jew sfregju fil-wicc u f'dirghajh il-leminija, bi ksur tal-Artikolu 216(1)(b) u 217 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, hin u lok, hebbew kontra l-persuna ta' Clint Tant sabiex jingurjawh jew jaghmlu hsara lill-istes, u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin u lok, ingurjaw u heddu lil Clint Tanti, u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin u lok qalu fil-pubbliku kliem oxxen u indicenti, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, hin u lok, volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, wara li gew provokati, ingurjaw lil Clint Tanti mir-Rahal Gdid, b'mod li johrog barra mill-limiti

tal-provokazzjoni, u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U fl-ahhar nett talli fl-istess cirkostanzi saru recidivi b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi sasru definittivi.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda kollha prodotta;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Il-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma s-segwenti:
Clint Tanti u l-imputati kienu barra l-kazin tar-Rahal Gdid, fejn hekk kif kienu dehlin gewwa dan il-kazin, inqala' argumenet bejn Tanti u l-imputat Evan Sciberras, dawn gew fl-idejn, u Tanti sofra xi griehi. Skond ma rrizulta mill-provi prodotti, Tanti sofra griehi hfief, u mhux kif indikat fl-ewwel imputazzjoni. Dan jirrizulta b'mod car mic-certifikat ezebit a fol 19 tal-process, u sejjer ikllu piz qawwi fuq l-interpretazzjoni tal-fatti u fuq il-fehmiet ta' din il-Qorti.
Iz-zewg nahat taw verzjonijiet kemmxejn differenti minn ta' xulxin, u ppruvaw iwahhlu f'xulxin ghal dak li gara. Izda zgur huwa hafna aktar kredibbli dak li qalu l-imputati in difesa, minn dak li qal Tanti bhala xhud. Tanti, qieghed isostni li hu gie aggredit miz-zewg imputati, u t-tnejn sawtuh b'lieva tal-hadid u bi fliexken. Li kieku dan kien minnu, zgur li ma kienx isofri biss minn griehi hfief, izda kien ikollu feriti hafna aktar gravi minn hekk. Diga', ghalhekk, il-Qorti hadet stampa tal-fatti kif graw li ma taqbel xejn ma' dik li ta x-xhud.

L-imputati, min-naha taghhom, xehdu u spjegtaw ezatt x'gara. Minn dan kollu li semghet il-Qorti, l-imputat Carmelo Sciberras ma jidher li ghamel assolutament xejn, hlief li akkompanja lil ibnu jmur jiltaqa' ma' Tanti. Evan Scbierras, minn naha tieghu, spjega kif gara l-incicent u

kif hu u Tanti gew fl-idejn, u ammetta li biex jiddefendi ruhu warrab lil Tanti minn fuqu b'certu sahha. Fil-fehma tal-Qorti, il-feriti hfief sofferti minn Tanti huma hafna aktar kredibbli ma' glieda bl-idejn milli ma' xeba' swat b'lieva tal-hadid u fliexken tal-hgieg. Ghalhekk, ghall-finijiet tal-ewwel imputazzjoni, din giet ippruvata biss fil-konfront ta' Evan Sciberras, u biss li kkaguna ferita hafifa ai termini tal-Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, minghajr aggravju ta' armi jew oggetti ohra.
Ghar-rigward tal-imputazzjonijiet l-ohra, l-ebda wahda minnhom ma gew ippruvati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti:

Wara li rat l-Artikoli 216(1)(b), 217, 338(bb), 338(dd), 339(1)(d), 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ma ssibx lill-imputat Carmelo Sciberras hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieh u ghaldaqstant tilliberah minnhom;

Izda ssib lill-imputat Evan Sciberras hati tal-ewwel (1) imputazzjoni hekk kid dedotta kontrieh, izda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlitt (3) xhur, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
Ghar-rigward tal-imputazzjonijiet l-ohra hekk kif dedotti kontra l-istess Evan Sciberras, din il-Qorti ma ssibux hati u ghaldaqstant tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------